MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 706/2001/1

**Piero Barone**

**vs**

**Steel & Co. Ltd. u Pierre Grima f'ismu proprju u kif esercenti fin-negozju ta' "The Alley Bar"**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoniipprezentata mill-attur fil-25 ta' April, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-attur kien ha kuntratt ta' appalt u xogholijiet ta' kisi u tibjid minghand il-konvenuti, u dan permezz ta' offerta b'tender li gie moghti lill-istess attur;

Illi l-attur fix-xahar t'Ottubru 2000, ghamel tali xoghol ta' kisi u tibjid u

xoghol relatat iehor fil-fond "The Alley Bar", Wilga Street, Paceville fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti, liema xogholijiet fil-fatt tlestew fiz-zmien stipulat;

Illi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc ta' disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74) rapprezentanti prezz ta' xoghol u tibjid u xogholijiet ohra relatati u materjal pprovdut fl-imsemmi fond kif hawn fuq premess;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2000, biex jersqu ghall-hlas tal-bilanc dovut, baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk li l-konvenuti ighidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna l-konvenuti jigu ordnati jhallsu il-bilanc ta' disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u tibjid u xogholijiet ohra relatati u materjal pprovdut fil-fond "The Alley", Wilga Street, Paceville, fuq istruzzjonijiet taghhom;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali data 6 ta' Novembru 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi ppresentat kontestwalment ma dan l-att kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Steel & Co. Limited u Pierre Grima f'ismu proprju u kif esercenti fin-negozju ta' 'The Alley Bar', li in forza taghha huma eccepew :

1. Illi, preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, il-konvenut Pierre Grima f'ismu proprju u kif esercenti fin-negozju ta' 'The Alley Bar' ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi huwa qatt ma kellu relazzjoni mal-attur;

2. Illi, fil-mertu, is-socjeta' konvenuta eccipjenti tecepixxi illi kien l-istess attur illi ma ikkompletax ix-xoghol hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet tant illi xoghol maghmul mill-attur ma giex ivverifikat mill-perit arkitett ingaggjat mis-socjeta' konvenuta hekk kif kien miftiehem u x-xoghol tieghu kellu jikkompletah haddiehor hekk kif se tipprova s-socjeta' konvenuta waqt il-kawza;
3. Illi, ukoll fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta eccipjenti tecepixxi illi l-ammont mitlub huwa wiehed ezorbitanti u dana ghar-ragunijiet illi se jkollha l-opportunita' tipprova fil-mori ta' din il-kawza;
4. Illi, finalment u dwar il-kap tal-ispejjez, il-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez ghaliex huma qatt ma gew interpellati sabiex ihallsu u qatt ma gew innotifikati bl-ebda ittra ufficjali qabel il-presentata tac-citazzjoni odjerna;
5. Salv kull eccezzjoni ohra hekk kif permessa mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat illi l-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom waqt is-seduta tat-18 ta' April, 2002.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti.

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi huwa kien ghamel xi xoghol ghall-konvenuti u kien ha dan ix-xoghol peress illi kien ipprezenta xi offerti. Huwa ikkonferma d-dokumenti li esebixxa mac-citazzjoni tieghu u xehed li gie assenjat dan ix-xoghol b'mod definittiv minn naha tal-Perit tal-konvenuti u x-xogholijiet kienu saru f'The Alley Bar, Wilga Street Paceville. L-attur kompla jghid illi meta wasal fl-istadju li

kien ikkompleta disghin fil-mija tax-xoghol assenjat lilu, kien talab lill-konvenuti biex ihallsuh xi haga akkont u talabhom is-somma ta’ elfejn lira Maltin. Huwa xehed illi l-konvenuti kienu diga hallsu akkont is-somma ta’ elf lira. Ghall-ewwel, skond l-attur, il-konvenut Grima kien qallu li huwa kien ser ihallsu dawn l-elfejn lira, izda baqa jittratjeni u meta hu kien rinfaccat bil-fatt li jekk ma kienx ser ihallsu ma kienx ser ikompli jahdem, il-konvenut kien qallu li ma kienx ser ihallsu dawn l-elfejn lira akkont. L-attur ikkonferma l-kont li kien hareg kien abbazi tat-tender li kien ghamel u qal illi oltre dan il-konvenuti kienu ziedulu hafna xogholijiet waqt li kien qieghed isir ix-xoghol. Huwa qal illi hareg il-kont finali a bazi tal-prezzijiet li kien hemm fl-offerta, kif ukoll a bazi tax-xogholijiet zejda li talbuh jaghmel. L-attur ikkonferma li kien jigi l-Perit tal-konvenuti biex jispezzjona kif kien qieghed isir ix-xoghol u qatt ma kellu ilmenti la minn naha tal-Perit u lanqas minn naha tal-konvenuti u dan b’referenza ghall-kwalita tax-xoghol. L-attur qal illi l-unika ilment li kien ikollu kien illi l-konvenuti riedu illi x-xogholijiet kollha jispiccaw fl-aqsar zmien posibbli, izda hu kien jispjegalhom illi jekk ma isirux xogholijiet da parti ta’ kuntratturi ohrajn bhal per ezempju l-elettriku huwa ma setghax ikompli bix-xoghol tieghu. L-attur xehed illi x-xoghol kien ta’ gypsum, kemm gips solid, kif ukoll gipsum fis-saqaf. L-attur ikkonferma illi fl-ammont illi huwa qieghed jitlob hemm inkluz ukoll il-prezz ta’ materjal. Huwa xehed illi f’xi bnadi ghamel gips solidu u dan huwa gips specjali illi kellu igibu minn barra. Huwa kompla jixhed li peress li ma thallasx l-ammont li kien qieghed jitlob, kien waqaf mix-xoghol u ghalhekk il-kontijiet li ghamel ghamilhom ghar-rigward tax-xoghol li ghamel sakemm waqaf u qal illi dan kien qisu disghin fil-mija tax-xoghol kollu li kellu jaghmel. L-attur kompla jixhed illi huwa jippretendi li kellu dritt ma jkomplix jaghmel ix-xoghol peress li kien kwazi ittermina x-xoghol u kien ghamel kwazi disghin fil-mija tax-xoghol u ghalhekk kellu dritt li jithallas akkont is-somma ta’ elfejn lira ohra. L-attur xehed ukoll illi kien ghamel ftehim bil-miktub mal-konvenuti fis-sens li matul ix-xoghol tieghu il-konvenuti kellhom jaghmlulu pagamenti akkont. L-attur ra d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni u xehed illi dan mhux il-

kuntratt kollu u ipprometta li jesebixxi partijiet ohra tal-kuntratt f’seduta ohra.

Illi xehed il-Perit Colin Zammit prodott mill-attur u ikkonferma illi Pierre Grima ghan-nom tas-socjeta’ Steel & Company Limited kien ingaggah sabiex jissorvelja x-xogholijiet li kellhom isiru fil-fond f’The Alley Bar Wilga Street, Paceville. Huwa kien iddisigna x-xogholijiet li kellhom isiru u dawn kienu bazikament xogholijiet ta’ interior design u mobbli. Il-Perit qal illi huwa lesta d-disinji, lesta t-tender documents bil-bill of quantities ghar-rigward tax-xogholijiet li kellhom isiru, izda ma hax sehem fil-process ta’ lil min inghataw it-tenders. Il-Perit Zammit kompla jixhed illi Pierre Grima kien qallu illi plastering u s-soffitti kellu jaghmilhom Piero Barone u xehed illi kif kienu gew quddiemu Barone u Grima sabiex huwa setgha spjega lil Barone x’ried minghandu bhala xoghol. Il-Perit kompla jixhed illi Piero Barone kien gie qabel il-hin li fih kellu jigi skond it-time frames li kien ipprepara hu, izda huwa kien tah xoghol iehor, bhal per ezempju tiswija ta’ travi u s-soffitti, kif ukoll il-kolonni. Eventwalment Barone beda jaghmel ix-xoghol li kellu jaghmel, izda minhabba li l-klijenti tieghu u cioe’ Pierre Grima u l-mara tieghu bdew jippanikjaw li ma kienux ser ilestu x-xoghol, ma gewx onorati t-time frames li kien ipprepara hu u ghalhekk hu iddecieda li ma kellux x’jaqsam aktar ma din il-parti tax-xoghol. Il-Perit xehed li kieku il-klijent halla f’idejn ma kienx ikun hemm kwistjonijiet dwar meta kellu jitlesta x-xoghol peress li hu kien ha hsieb li x-xoghol kollu kellu jitlesta fil-hin tieghu. Meta Pierre Grima ha f’idejh il-programm li kien ghamel hu aktar fixkel milli ghamel l-affarijiet sew u sa meta kien qieghed jiehu hsieb ix-xoghol hu l-affarijiet kienu mexjin skond it-time frames li kien ghamel hu. Illi in kontro-ezami x-xhud qal illi skond it-time frame li kien hejja hu l-attur kellu jibda x-xoghol f’diversi okkazzjonijiet, cioe’ jibda, jieqaf u jerga jibda. Pierre Grima beda jilmenta dwar il-fatt illi l-attur setgha ma kienx ser ilesti fil-hin u sa fejn jiftakar hu ma kien hemm l-ebda ilment dwar il-kwalita tax-xoghol minn naha ta’ Pierre Grima. Il-Perit kompla jixhed illi sa fejn jiftakar hu Pierre Grima ma kienx ilmenta ghar-rigward tan-nies li kienu jahdmu mal-attur u lanqas jaf li l-attur ma kienx lesta x-

xoghol kellu li kellu jaghmel.  Il-Perit xehed illi meta rega' mar fil-post fejn kienu qeghdin isiru x-xogholijiet wara li kien waqaf, u spjega illi hu kien waqaf milli jissorvelja x-xoghol ghal madwar gimghatejn, kien sab illi l-post kien lest biex jiftah.  Il-Perit kompla jixhed in kontro-ezami illi ma jafx illi Pierre Grima kellu iqabbad xi nies ohra biex ilestu x-xoghol li kellu jaghmel Piero Barone.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u spjega illi huwa kien qabbad diversi haddiema biex jaghmlu innovazzjoni u tibdil f'The Alley Bar f'Wilga Street Paceville. Huwa xehed illi x-xoghol kien ta' natura tali illi il-bar kien qieghed jerga jaghmlu mill-gdid kompletament.  L-ewwel persuna li qabbad kien l-attur, li sar jafu tramite bennej u qabel ma beda x-xoghol l-attur il-konvenut xehed li iltaqa diversi drabi mal-attur u mal-Perit Colin Zammit.  Il-konvenut spjega illi l-attur kellu schedule tax-xoghol illi ried jaghmel u x-xoghol li ried jaghmel kien plastering, gypsum, balkets, umbaghad jiffinixja.  Ftehim bil-miktub ma kienx hemm, izda l-attur inghata schedule li fih kellu ilesti x-xoghol, izda skond il-konvenut, l-attur ma lestix ix-xoghol kollu ghaliex qabad u telaq.  Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn skond il-konvenut qabad u telaq, il-konvenut wiegeb illi l-attur kellu l-kumpanija tieghu, kien gie l-ewwel grupp ta' haddiema, u il-konvenut kien veru kuntent ghaliex kienu qabdu parti mix-xoghol u ghamluha u ghamluha sew, izda wara ftit gie grupp iehor ta' haddiema u x-xoghol beda jirrallenta u skond il-konvenut dan kien preokkupanti ghaliex il-progett kien ta' mitejn elf lira Maltin u jekk jislowjalek haddiem wiehed jislowjalek il-progett kollu. Mistoqsi ghalfejn l-attur qabad u telaq, il-konvenut wiegeb illi huwa kien hallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) u skond hu l-attur kien talbu tlett elef lira Maltin (LM3,000) ohra.  Meta hu staqsih ghalfejn ried dawn il-flus, l-attur wiegeb billi qallu li kien ilestilu xi xogholijiet u l-konvenut qallu “mhux problema, inkejlu u naraw jekk hux lest jew le” u dana peress illi skond il-konvenut kien jaf li x-xoghol mhux lest u peress illi allura l-konvenut irrifjuta li ihallas lill-attur din is-somma li kien talbu kien qabad u telaq.  Mistoqsi kemm wara li beda x-xoghol l-attur telaq,

il-konvenut xehed illi jassumi li l-attur kien diga qieghed tard skond is-schedule of works u qabad u telaq. Il-konvenut xehed illi li kieku l-attur lesta x-xogholijiet kollha bil-finishings, bil-plastering u l-painting kien jithallas tlett elef lira Maltin (LM3,000) tat-tibjid, elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) tat-tikhil biss u ghas-soffit kellu jithallas somma ghalih ghaliex kollux kellu somma ghalih. Il-konvenut gie muri a fol. 12 tal-process il-work schedule u ikkonferma li dik kienet il-work schedule li fuqha ried jahdem l-attur u l-konvenut mistoqsi wiegeb illi mhuwiex cert jekk l-attur iffirmax jew le din il-work schedule. Il-konvenut kompla jixhed dwar il-parti fuq id-dokument highlighted bl-isfar u qal illi dak kien ix-xoghol illi kellu jaghmel l-attur u dwar fejn hemm imnizzel “Monday, Tuesday, Wednesday” il-konvenut qal illi “Monday” u “Tuesday” l-attur baghat in-nies u ghamlu x-xoghol, izda Wednesday ma baghat lil hadd u Thursday lanqas u ghalhekk bdew il-problemi mal-ewwel ghaliex una volta li ma giex l-attur biex jaghmel ix-xoghol, jekk perkazu ma jigix hu tad-dawl ma setghax ikompli etc. etc. U per ezempju ukoll jekk l-attur ma wahhalx il-plastering mal-hitan ix-xogholijiet tal-injam kienu jieqfu kompletament. Il-konvenut xehed illi l-ewwel gurnata gie grupp ta’ sitta minn nies li jahdmu mal-attur u kien vera kuntent u qal dan zgur ha ilesti x-xoghol. Il-konvenut kompla jixhed illi l-attur kien jaf x’kellu jaghmel ghaliex kien gie fuq il-post, izda umbaghad skond il-konvenut it-tieni gurnata ma gie hadd, it-tielet gurnata ma gie hadd, ir-raba gurnata gew grupp ta’ nies dahlulu fil-bar, staqsihom jekk jahdmux mal-attur, qalulu le u bdew jixorbu il-birra. Il-konvenut qalilhom “intom tridu tahdmu, tridu tibdew it-tikhil” u f’nofsinhar, skond il-konvenut, dawn in-nies regghu poggew bil-qeghda jixorbu il-birra u litteralment fl-ahhar kienu fis-sakra. Il-konvenut kompla jixhed u qal illi l-Perit Colin Zammit gie fil-bidu, izda ma giex aktar u kompla jixhed illi li kieku ma giex il-mastrudaxxa kien jispicca bil-problemi ghaliex saru hafna zbalji da parti tal-attur u l-attur ma kienx hemm biex jikkorregihom. Il-konvenut xehed illi dwar ix-xoghol illi ma ghamilx l-attur huwa kien qabbad li haddiehor biex jaghmlu u xehed ukoll illi apparti Colin Zammit kellu wkoll il-Project Manager tieghu John Agius, li kien ikun hemm hekk il-hin kollu jissorvelja x-xoghol. Il-

konvenut xehed ukoll illi, skond hu, s-somma li hallas lill-attur ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) ikopru x-xogholijiet kollha li effettivament ghamel l-attur.

Illi in kontro-ezami, il-konvenut xehed illi s-schedule of works kien ghamilha il-Perit Colin Zammit u skond il-konvenut ma inbidel xejn ghaliex kullhadd hadem kif suppost, barra l-attur.  Il-konvenut cahad illi hu u l-mara biddlu it-time schedules li kien ghamel il-Perit.  Mistoqsi x’jikkummenta dwar il-fatt illi l-Perit xehed illi hu u martu kien biddlu dawn is-schedules, il-konvenut qal illi l-Perit qieghed jizbalja ghaliex la hu u lanqas martu ma biddlu dawn is-schedules.  Mistoqsi ghalfejn il-Perit telaq mix-xoghol il-konvenut wiegeb illi ma jafx ghalfejn telaq il-Perit ghaliex huwa qatt ma kellu dizgwid mieghu.  Mistoqsi jekk hux minnu illi l-Perit xehed illi huwa telaq ghaliex il-konvenut u martu biddlu t-times frames, il-konvenut cahad illi dan kien minnu.  Huwa xehed illi l-Perit la telaq on good terms u lanqas on bad terms.  Mistoqsi jekk il-parti tax-xoghol illi kien ghamel l-attur kienitx ta’ kwalita tajba jew le, il-konvenut xehed illi ma kienitx ta’ kwalita tajba ghaliex il-gips beda jinfaqa.  Huwa xehed illi l-attur kien sparixxa u ma setghax isibu.  Mistoqsi kif pprova jikkuntattja lill-attur il-konvenut wiegeb illi ma marx ifittxu bil-karozza, izda ipprova jikkuntattjah.  Il-konvenut gie rinfaccjat bil-fatt illi l-Perit xehed illi hu kellu d-dizgwid mal-kuntratturi kollha u kien qieghed jippanikja li l-kuntratturi kollha ma kienux ser ilestu, izda il-konvenut wiegeb li ma kellux dizgwid mal-kuntratturi l-ohrajn u fil-fatt hallashom mitejn elf lira Maltin (LM200,000).  Il-konvenut kompla jixhed illi l-kuntratturi l-ohra zammew id-dead lines u jekk kien hemm xi hadd li ma zammx id-dead line dan kien tort ta’ l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi xehed John Agius il-Manager ta’ The Alley Bar, u qal illi huwa kien jokkupa din il-posizzjoni ta’ Manager meta saru x-xogholijiet fil-post. Ix-xhud ikkonferma illi l-attur kien qieghed jaghmel parti minn dawn ix-xogholijiet.  Kellu jaghmel gypsum u xi zebgha.  Huwa xehed illi kienu jittrattaw mal-attur jew il-konvenut jew il-Perit Zammit. Huwa kompla jixhed illi x-xoghol beda ghaddej, fil-bidu

beda ghaddej b'mod regolari, izda sussegwentement l-attur beda jibghat nies li ma kellux jibghat fuq il-lant tax-xoghol, kif ukoll l-attur kien jibghat numru inqas ta' haddiema minn dawk li kellu jibghat. Ix-xhud gie mistoqsi xi problema kien hemm dwar il-haddiema li beda jibghat l-attur u wiegeb illi fil-bidu kien hemm ghaxra minn nies, izda umbaghad l-attur per ezempju kien jibghat tnejn minn nies u meta ma baghatx ix-xoghol mar lura. Umbaghad baghat qisu nies Gharab biex jaghmlu s-suffitti u skond ix-xhud dawn ma ghandhomx l-esperjenza mehtiega biex jaghmlu dan it-tip ta' xoghol. Meta x-xhud gie muri s-schedule of work a fol. 12 tal-process huwa xehed illi f'certu granet l-attur lanqas dahal u kien ghalhekk li x-xoghol waqa lura u kellhom idahhlu lil haddiehor biex jaghmel ix-xoghol ta' l-attur. Mistoqsi x'tip ta' xoghol waqa lura ix-xhud wiegeb li dan kien ix-xoghol tas-soqfa, is-suffetti, iz-zebgha u t-tibjid. Ix-xhud kompla jghid illi kellhom idahhlu nies ohrajn. Biex jaghmlu x-xoghol ta' l-attur dahlu xi tmienja minn nies, izda xorta wahda d-dead line ma intlahaqx u kellhom jifthu l-bar gimgha wara d-data li suppost fethuh. Ix-xhud kompla jghid illi l-attur kien jiehu l-ordnijiet minghand il-Perit u mhux minghandu. Huwa xehed ukoll illi x-schedule li kien ghamel il-Perit ma inbidlet minn hadd. Mistoqsi jekk hu jifhimx fil-kwalita tax-xoghol li kellu jaghmel l-attur, ix-xhud wiegeb li jifhem fil-kwalita. Huwa xehed illi r-relazzjoni bejn il-konvenut u l-attur kienet tidher tajba u xehed ukoll illi ma jidhirlux li kien hemm xi dizgwid bejn il-Perit u il-konvenut, izda ikkonferma illi l-Perit kien telaq u abbanduna ix-xoghol. Mistoqsi ghalfejn il-Perit telaq mix-xoghol ix-xhud l-ewwel qal illi ma jafx, umbaghad qal illi ghax waqghu lura hafna mix-xoghol. Huwa xehed ukoll illi ma bediex jaqbel mal-konvenut u spjega illi dan gara ghaliex ix-xoghol waqa lura u ikkonferma li ghalhekk kien hemm dizgwid bejn il-konvenut u il-Perit, izda il-konvenut ma kienx qabbad Perit iehor u ha kollox f'idejh. Ix-xhud ikkonferma illi l-attur u l-haddiema tieghu kienu ghamlu xi xoghol fuq il-post.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Joseph Fabri u qal illi hu kien ghamel ix-xoghol ta' l-injam fil-bar tal-konvenut. Is-Sur Fabri xehed illi

huwa kien hemm fil-bidu. Huwa qal illi malli il-construction kienet lesta huwa beda mal-ewwel bix-xoghol ta’ l-injam. Is-Sur Fabri kompla jixhed illi ftakar lill-attur bhala il-persuna li kellu x’jaqsam fil-gypsum tal-post fil-hitan u fis-soqfa u inzertah jahdem hemm hekk fil-bidu. Ix-xhud gie muri it-time table, ix-schedule of work a fol. 12 tal-process u qal illi din kien raha qabel u kellu wkoll kopja ghalih u kompla jixhed illi kien hemm xi xoghol illi kellu jaghmlu wara li ilesti l-attur. Ix-xhud kompla jghid illi jaf illi l-konvenut kien waqqaf lill-attur mix-xoghol, pero’ ezattament x’kien hemm bejniethom ma jafx, izda jaf illi l-konvenut kien waqqaf lill-attur u gab lil haddiehor minfloku biex ikomplilu x-xoghol. Ix-xhud kompla jghid illi fil-bidu kien jigi wkoll il-Perit Colin Zammit il-fabbrika tieghu biex jara x-xoghol. Umbaghad inbdiet il-construction u meta tlestiet il-construction huwa kien jinzel hemm hekk darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha, izda lill-Perit ma kienx rah izjed. Kien rah biss fl-ahhar gurnata u qallu “issa gejt, taf x’responsabbilta kbira tfajt fuqi?” Ix-xhud qal ukoll illi ix-xoghol tieghu ma setghax jitlesta qabel ma jkun lest is-suffit. Ix-xhud kompla jghid illi l-Perit kien hu li qabdu ghaliex jigi minnu mill-boghod, izda in-negozjati mal-Perit ghamilhom il-konvenut. Ix-xhud kompla jghid illi meta ra illi il-Perit ma bediex jigi aktar, hu ma staqsa xejn lill-konvenut dwar dan. Huwa xehed illi meta gie biex jiffitja il-barijiet suppost il-Perit kellu ikun hemm hekk ghaliex il-canopies ta’ fuq riedu jintrabtu b’sistema ta’ hadid u suppost kellu jaghmel supervision ta’ dan il-Perit, izda peress illi l-Perit qatt ma gie aktar huwa kien qal lill-konvenut biex ihalli f’idejh u jiehu d-decizjoni hu fl-assenza tal-Perit. Ix-xhud qal illi ma jafx min kien qieghed jaghti l-ordnijiet lil tal-gypsum fl-assenza tal-Perit ghaliex dik ma kienitx responsabbilta tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Samantha Grima, mart il-konvenut u qalet illi kienet taf sew bix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fil-bar peress illi hija shab fin-negozju mal-konvenut. Hija xehdet illi kienet taf lill-attur u kienet taf ukoll ix-xoghol illi kellu jaghmel. Samantha Grima kompliet tixhed illi kien hemm hafna problemi mal-attur ghaliex fil-bidu kien qieghed

jibghat hafna nies u ix-xoghol deher gej tajjeb, izda wara xi granet ma baqax jibghat dik l-istess kwantita ta' haddiema. Hija xehdet illi ghall-ewwel jumejn kien hemm xi sebgha haddiema u fit-tielet gurnata kien hemm nofs dak l-ammont, fir-raba gurnata l-attur baghat zewg haddiema biss, wiehed minnhom kellu jdejh miksura u hafna mix-xoghol ma kienx qieghed jitlesta u kien car illi x-xoghol ma kienx ser jitlesta fil-hin. Hija xehdet illi kien hemm granet meta l-attur ma kienx jibghat haddiema fuq il-post u ghalhekk kellhom jippruvaw isibu haddiema huma sabiex ilestu ix-xoghol ta' l-attur u sabu diversi haddiema li kienu jigu generalment bil-lejl sabiex jaghmlu dan ix-xoghol. Hija xehdet ukoll illi tahseb illi l-ahjar nies l-attur hadhom Bay Street, fejn taf illi kien qieghed jahdem ukoll u lilhom kien jibghatilhom zewg haddiema li kienu jidhru li ma kienux jafu x'qeghdin jaghmlu. Fil-fatt qalet illi x-xoghol ma kienx qieghed isir sew u kellhom inehhu l-gypsum kollu u jergghu jaghmluh. Ix-xhud xehdet illi haddiem tal-attur illi l-aktar tiftakar kien dak li kellu jdejh miksura u li kien ikollu dejjem flixkun tal-birra f'idejh. Hija qalet illi kienet tkellem lill-attur kulljum u kienet theggu sabiex igib aktar haddiema biex ilesti x-xoghol. Kienet ukoll iccempillu. Hija xehdet illi kienet prezenti meta l-Perit kien tah time schedule, data li fiha kellu ilesti x-xoghol tieghu. Ix-xhud xehdet in kontro-ezami illi hija assumiet illi l-haddiema li kien gabilhom fil-bidu l-attur kien hadhom jahdmu mieghu f'Bay Street ghaliex hu stess kien qalilha li kien qieghed jaghmel xi xogholijiet Bay Street. Mistoqsija dwar il-Perit, ix-xhud qalet illi l-konvenut qatt ma kien kecca lill-Perit. Mistoqsija ghalfejn il-Perit ma baqax jigi, ix-xhud wiegbet li ma tafx ghalfejn, izda cahdet illi l-Perit kellu xi jghid maghha jew mar-ragel taghha. Ix-xhud qalet illi kellhom idahhlu lil xi hadd minflok l-attur u ghalhekk bil-fors kellhom ibiddlu s-schedule tax-xogholijiet.

Ikkunsidrat :

Illi meta regghet xehdet Samantha Grima qalet illi sa fejn taf hi il-Perit qatt ma abbanduna x-xoghol u illi x-schedule kellha bil-fors tinbidel ghaliex in-nies ma kienux qeghdin jaghmlu x-xogholijiet allura huma kellhom igibu haddiema

ohrajn sabiex ix-xogholijiet jitkomplew. Hija xehdet ukoll illi f'hin minnhom l-attur ma giex aktar u qalet illi kieku l-attur mar ghandha kienet thallsu ghax-xogholijiet illi ghamel u xehdet illi ma kienitx taf bid-dizgwid mal-attur sakemm irceviet il-karti tal-kawza odjerna. Mistoqsija fuq il-Perit, hija qalet illi ma tahsibx illi l-Perit telaq ix-xoghol ghaliex hi kienet hallsitu, izda ma tantx kien jigu fuq il-post u probabbilment ma ghamilx xoghol tajjeb. Izda hi xehdet illi ma tantx kien jinteressaha mill-Perit, imma kien jinteressaha mill-haddiema, u dan sabiex jifthu l-bar fil-hin.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ipprezenta il-kawza odjerna sabiex jithallas il-bilanc ta' disa telef mitejn u seba liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM9,207.74) rapprezentanti prezz ta' xoghol u tibjid u xogholijiet ohra relatati u materjal pprovdut f'The Alley Wilga Street Paceville.

Illi l-konvenut jeccepixxi li l-istess attur ma ikkompletax ix-xoghol kif miftiehem bejn il-partijiet, hekk li x-xoghol maghmul mill-attur ma giex verifikat mill-perit ingaggjat mis-socjeta' konvenuta u x-xoghol tieghu kellu jikkompletah haddiehor. Il-konvenut jecepixxi wkoll illi l-ammont mitlub huwa wiehed ezorbitanti.

Illi l-Qorti rat illi l-istess konvenut ammetta fix-xiehda tieghu illi huwa ghazel illi jaghti l-appalt lill-attur wara li ra l-offerta ta' l-istess attur, liema offerta tinsab a fol 9 u 10 tal-process; liema dokumenti gew esebiti mill-attur mac-citazzjoni tieghu.

Illi l-istess konvenut esebixxa zewg kontijiet illi huma esebiti u jinsabu a fol. 29, 30 u 31 tal-process.

Illi l-attur isostni illi huwa ghamel disghin fil-mija tax-xoghol assenjat lilu u ma komplix ix-xoghol ghaliex wara illi huwa talab li jithallas elfejn lira (LM2,000) akkont tax-xogholijiet u tal-materjal u tax-xoghol extra li kien ghamel il-konvenut, irrifjuta li jhallsu. L-attur isostni illi l-Perit tal-konvenuti kien jispezzjona x-xoghol tieghu u huwa qatt ma kellu ilmenti la minghand il-Perit u lanqas minghand il-konvenuti. L-unika

ilment kien illi l-konvenuti riedu li x-xogholijiet kollha jispiccaw fl-inqas zmien posibbli izda huwa kien spjegalhom li jekk ma jsirux xogholijiet da parti ta' kuntratturi ohra huwa ma setghax ikompli b'xogholu.

Illi l-Qorti rat illi l-Perit tal-konvenuti xehed illi huwa kien ra t-tender documents u t-time frames maghmula bejn l-attur u il-konvenuti. Il-Perit xehed illi l-attur kien gie qabel il-hin miftiehem u hu kien tah xoghol iehor bhal per ezempju twissija ta' travi u suffitti, kif ukoll il-kolonni u eventwalment l-attur beda jaghmel ix-xoghol li kien originarjament gie assenjat lilu, u skond il-Perit il-konvenuti bdew jippanikjaw illi x-xoghol ma kienx ser jitlesta fil-hin u ghalhekk ma zammewx mat-time frames li kien ipprepara hu. Il-Perit addirittura xehed illi li kieku gew adderiti t-time frames li kien stabilixxa hu ma kien ikun hemm l-ebda kwistjonijiet dwar meta kellu jitlesta x-xoghol u illi meta l-konvenuti hadu f'idejhom il-programm li kien ghamel hu aktar fixklu milli ghamlu l-affarijiet ahjar. Dwar xoghol l-attur, qal illi ma kien hemm l-ebda ilment dar il-kwalita tax-xoghol illi kien ghamel u xehed ukoll illi l-konvenuti qatt ma ilmentaw mieghu dwar il-haddiema li kien ingagga l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi irrizulta minghajr l-ebda dubbju illi l-konvenuti ippanikjaw u biddlu t-time frames u x-schedule li kien ghamel il-Perit. Dan wassal ghal aktar tfixkil kif xehed l-istess Perit, il-konvenuti irrifjutaw illi jhallsu akkont lill-attur is-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) u ghalhekk l-attur ma kompliex bix-xoghol illi kellu jaghmel.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-konvenuti ma qablux bejniethom fix-xiehda taghhom. Il-konvenut ma ilmentax dwar il-kwalita tax-xoghol ta' l-attur, izda il-konvenuta ilmentat minn dan u iddiskrivit xogholu bhala "shoddy." L-istess konvenuta ikkonfermat fix-xiehda taghha illi l-konvenuti ma kienux interessati illi jiccertifikaw ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru mal-Perit imqabbad minnhom, izda kienu aktar

interessati illi l-haddiema ifittxu ilestu x-xoghol malajr sabiex ifittxu jifthu l-bar taghhom.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-18 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Sacco vs Penza Construction Limited.

Illi f’dik is-sentenza il-Qorti kienet osservat l-atteggjament tas-socjeta` konvenuta li baqghet ma hallsitx lill-attur sabiex dan seta’ jkun fi grad li jkompli x-xoghol lilu kommissjonat tant li wassal lill-attur f’posizzjoni li ma setax ikompli bl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu.

Illi ghalhekk fis-sentenza fuq citata il-Qorti qalet illi ghalkemm kien l-attur li ma kompliex bix-xoghlijiet, kienet effettivament is-socjeta` konvenuta li wasslet lill-attur biex jaghmel dan u b’ dan il-mod kienet virtwalment u guridikament is-socjeta` konvenuta li xoljiet il-kuntratt tas-sub-appalt. Saret referenza ghal decizjoni li tinsab f’Kollez. Vol. XLVI. I. 443 fejn gie ritenut :
“l-appaltant li jqieghed lill-appaltatur f’posizzjoni li dan ma jkunx jista’ jesegwixxi l-kuntratt ikun qieghed ixolji l-kuntratt ta’ l-appalt daqs kemm kieku jkun kecca lill-appaltatur”

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tosserva illi l-konvenuti qatt ma ilmentaw dwar il-kwalita tax-xoghol ta’ l-attur hlief meta l-atturipprezenta l-kawza odjerna. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-konvenuti ma ipprezentaw l-ebda kontro-talba f’din il-kawza u il-Qorti tosserva wkoll illi l-istess konvenuti jidhru li accettaw id-decizjoni ta’ l-attur li ma jkomplix ix-xoghol. Il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll ghax-xiehda tal-Perit tal-konvenuti illi qal illi xoghol l-attur kien sar skond is-sengha u l-arti u illi kollox kien miexi sew sa kemm il-konvenuti bdew jippanikjaw, hadu l-kontroll huma, minflok ma hallew f’idejn il-Perit u biddlu it-time frames u x-schedule of works illi kien ghamel l-istess Perit minnhom ingaggjat.

Illi irrizulta wkoll illi x-xogholijiet kommissjonati ma tlestewx kollha mill-attur ghaliex l-appalt waqaf.  Izda dan kollu ma sarx b’xi htija tal-attur u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi, dejjem fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, il-konvenuti eccepew illi xoghol l-attur ma giex iccertifikat mill-Perit Arkitett ingaggjat minnhom.

Illi l-Qorti qeghda tirrispingi din l-allegazzjoni tal-konvenuti peress illi l-istess konvenuti fix-xiehda taghhom ammettew illi ma kienx jinteressahom illi l-Perit taghhom jiccertifika x-xoghol, izda kien jinteressahom biss illi x-xoghol isir fil-hin stipulat.

Illi wkoll, apparti minn dan, il-Perit tal-konvenuti xehed illi ma kellu l-ebda ilmenti dwar ix-xoghol ta’ l-attur, jew dwar il-haddiema imqabbda minnu sabiex jaghmlu x-xoghol, lanqas da parti tal-konvenuti.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ezorbitanti, il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova f’dan is-sens anzi qablu mad-dokumenti kollha esebiti mill-attur mac-citazzjoni tieghu.

il-konvenuti approvaw il-quotation illi kien□Illi di piu tahom l-attur u kien a bazi ta’ din il-quotation huma tawh it-tender in kwistjoni.

Illi, in rikapitulazzjoni, l-konvenuti ma jistghux jopponu l-“*exceptio non rite adempleti contractus*” ghad-domanda li saritilha ghall-hlas meta huma stess qabbdu u minn rajjahom issoktaw bix-xoghlijiet u di piu ma ressqu l-ebda kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni;

Illi ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli ghal pagament tax-xogholijiet effettivament ezegwiti mill-attur, u li rrizultaw li kienu hekk ezegwiti tajjeb ghas-sodisfazzjon ta’ l-Arkitett ta’ l-istess konvenuti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi

tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu peress illi din giet irtirata minnu stess kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu il-bilanc ta’ wiehed u ghoxrin elf erba mija u tmienja u erbghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€21,448.26); ekwivalenti ghal disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u tibjid u xogholijiet ohra relatati u materjal pprovdut fil-fond "The Alley", Wilga Street, Paceville, fuq istruzzjonijiet taghhom;
Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------